# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-16 ta' Ġunju 2014

## li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-ECB

## *(BĊE/2014/27)*

(2014/418/UE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 u l-Artikoli 17, 22 u 23 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2012/27 speċifikat ir-remunerazzjoni fuq il-kontijiet tal-Modulu tal-Ħlas (Payments Module — PM) u s-sottokontijiet tagħhom b'tali mod li seta' jinterferixxi ma' deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv biex titbaxxa r-rata tal-faċilità ta' depożitu għal taħt żero fil-mija.

(2) B'riżultat ta' dan, il-Linja Gwida BĊE/2012/27 ġiet emendata permezz tal-Linja Gwida BĊE/2014/25 ([2]) sabiex jiġu eliminati dawn l-interferenzi potenzjali.

(3) Għaldaqstant, huwa neċessarju li tiġi emendata ulterjorment id-Deċiżjoni BĊE/2007/7 ([3]) sabiex l-emendi li saru permezz tal-Linja Gwida BĊE/2014/25 għar-remunerazzjoni tal-kontijiet PM u s-sottokontijiet tagħhom jiġu riflessi fit-TARGET2-ECB,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Emendi għad-Deċiżjoni BĊE/2007/7

L-Anness tad-Deċizjoni BĊE/2007/7 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, għandhom jiddaħħlu d-definizzjonijiet li ġejjin:

   "— 'deposit facility' means a Eurosystem standing facility which counterparties may use to make overnight deposits with an NCB at a pre-specified deposit rate,

   — 'deposit facility rate' means the interest rate applicable to the deposit facility,";

2. fl-Artiklu 10, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'li ġej:

   "3. PM accounts and their sub-accounts shall be remunerated either at zero per cent or the deposit facility rate, whichever is lower.".

([1]) ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1.

([2]) Linja Gwida BĊE/2014/25 tal-5 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠU L 168, 7/6/2014, p. 120).

([3]) Deċiżjoni BĊE/2007/7 tal-24 ta' Lulju 2007 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-ECB (ĠU L 237, 8.9.2007, p. 71).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-16 ta' Ġunju 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI